MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2012

Numru 171/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**ANTHONY GRIMA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Grima, ta’ 47 sena, bin Emanuel u Maria Concetta nee’ Abela, imwieled Bormla nhar it-28 ta’ Awissu 1961 u li joqghod No 181, ‘Sant Antnin’, Triq Ghajn Dwieli, Paola, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 573961M

Akkuzat talli nhar it-30 ta’ Novembru 2008 ghall-habta ta’ xi 19:15Hrs gewwa Triq Qormi Hamrun:-

a) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAC 364, tal-marka Peugeot 406, liema hsara hija ta' aktar minn 1164.70€ (Elf mija u sittax-il Euro u sebghin centezmu) ghad-dannu ta' l-istess sid u dan bi ksur tal-artikolu 325(a) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

b) U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAQ-986 tal-Marka Tata Mobile 207, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz u dan ai termini ta' l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv a tenur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana b'Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Dr Silvio Meli datata 10 ta' Marzu, 2006.

F'kaz ta' htija il-prosekuzzjoni talbet li Anthony Grima jigi skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan kollha ghal perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 12 ta' April, 2010 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009: "Dr Roberto Montaldo ghall-imputat jiddikjara illi d-Difiza taqbel illi l-versjoni tal-fatti mertu ta' dan il-kaz hija dik li tirrizulta mill-Istqarrija tal-istess akkuzat, liema stqarrija ser tigi esebita fl-atti ta' din il-kawza. Konsegwentement l-imputat qieghed jiddikjara

ukoll illi l-hsarat li garrbet il-vettura Reg. No. EAC 364 Peugeot 406 proprjeta' ta' Terence Zammit saret b'responsabbilta' unika tieghu, b'dana pero' li tali hsara giet kagunata bi traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu."

Illi fl-istess Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009 il-Prosekuzzjoni iddikjarat "..........., tikkontesta bl-aktar mod rigoruz illi dawn id-danni saru b'mod volontarju kif del resto qeghda tallega l-Prosekuzzjoni fl-akkuzi dedotti kontra l-imputat."

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta' Terrence Zammit li fis-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009, inter alia, qal:

"..................." "Jiena nnutajt coack tal-linja li kien qieghed jghabbi n-nies. Kienet gejja vettura minn wara d-direzzjoni tal-coach u s-sewwieq ta' din il-vettura kienet mara. Din il-karozza kienet tal-marka Hyundai Stellar. Ghamel manuvra li ghamlet overtaking fuq karozza tal-linja. Imbaghad inqala' argument bejn din il-mara li kienet qieghda ssuq il-vettura tal-Hyundai Stellar u s-sewwieq tal-van, liema van kien qieghed quddiemi. Dan il-van kien tat-tip Tata pick up. U ma nafx ghal liema raguni wara li dawn it-tnejn (2) spiccaw jargumentaw, <u>dan tal-van Tata pick up ta' quddiemi irriversja ghal fuqi.</u>" "........................." "Nghid din il-persuna li kienet qieghda ssuq dana l-van Tata pick up li <u>saq ghal fuqi billi rriversja ghal fuqi</u> qed ngharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Nghid illi jiena kif qlajt id-daqqa fil-vettura tieghi hrigt biex nara xi hsara kelli. Nghid illi nnutajt li l-imputat, jiena nnutajtu li dana hareg idu mit-tieqa, jiena ghajatlu <u>pero' dana ghamel mossa b'idejh li qisu ma jimpurtahx u baqa' sejjer.</u>" "..........................................................................." "Qieghed nesebixxi bhala Dok. TZ2 l-istima dwar il-hsarat minni sofferti rigwardanti dana l-kaz u t-total ta' din l-istima hija ta' elf mitejn u tmienja u tmenin (1,288) Ewro u erbgha u sebghin (47) centezmi ta' Ewro.

Din il-vettura li kont qieghed insuq jien hija registrata f'isem missieri." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa issir referenza ghad-deposizzjoni ta’ Marisa Cauchi li fis-Seduta tas-16 ta’ Marzu, 2009 qalet:

“Nghid illi jiena ftit ilu gejt imsejha mill-pulizija rigwardanti incident li kien sehh fil-Hamrun. Nghid illi dana dwar incident li kien sehh fit-tletin (30) ta’ Novembru elfejn u tmienja (2008). Dan l-incident sehh il-Hamrun. Jiena kont qieghda nsuq vettura Hyundai Stellar. Kont qieghda wara tal-linja. Tal-Linja waqfet fil-bus stop. Nghid illi x-xufier tax-xarabank ghamilli sinjal biex nghaddi u jiena kont qieghda in procint illi nghaddi. Sa dan it-tant rajt wiehed gej gass down. Kien qieghed isuq van u dan fetah it-tieqa. U dan beda, kien irrabjat ghalija u qalli biex inwaqqaf ghaliex ried jaghtini xebgha jag. Nghid jien sa dan it-tant tlaqt. <u>Innutajt li dan tal-van irriversja u huwa dan halli jkun jista’ jdur halli jigi ghalija. U nghid illi dan tal-van imbaghad rajt lil dan tal-van jifqa lil ta warajh. Nghid dan ir-ragel qieghda nagharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u qed nirreferixxi ghal dan ir-ragel li lili kien heddidni u li kien faqa’ bil-van tieghu lil ta warajh.</u> Jiena kont imwerwra u ghalhekk soqt il-karozza tieghi biex immur lejn id-dar. Nghid l-imputat deher irrabjat. Nghid illi minn x’hin rajtu gej ghal fuqi l-imputat kien diga rrabjat.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju l-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputat Anthony Grima datata 6 ta’ Frar, 2009 u esebita bhala Dok CB1:

“..............................................................................................
................................”

“R Niftakar li dak in nhar Jiena kont gej mill-Marsa ghax mort nara it-tigrijiet taz-zwiemel u kont fi triqti biex nixtri xi haga x’niekol mill-Hamrun qabel nirritorna lejn id-dar. Niftakar li kont niezel minn Triq Hal-Qormi, il-Hamrun u cioe’ mit-triq ta’ fejn kien hemm ir-Regina Auto Dealer. Kien hemm diversi karozzi f’din it-triq, kemm quddiemi u kemm warajja, ghax it-triq kienet daqsxejn traffikuza u bdejna mexjin wara xulxin bil-mod. F’hin minnhom, persuna li kienet qeghda issuq karozza li kienet gejja minn naha l-ohra tat-triq imma fl-istess triq, u allura din kienet sejra fid-direzzjoni tal-Marsa, qabdet toffendini mill-

karozza. Mistoqsi ghalfejn din il-mara li kienet qed issuq din il-karozza qabdet toffendini, Jiena ma nafx. Jiena dak il-hin ma offedejthiex lura imma tlift rasi u ma bqajtx nara. Kont determinat li insegwi lil din il-mara bil-van tieghi halli niehu sodisfazzjon ta' ghalfejn din bdiet toffendini. Peress li kont maqbud fit-traffic, iddecidejt li nirriversja il-van tieghi biex ikolli spazzju halli indawwar il-van tieghi f'din it-triq ghal wara din il-mara. Dak il-hin ma qiest xejn u bqajt diehel fil-vettura ta' warajja. Niftakar li bqajt diehel go ta' warajja, imma tant kont determinat li nilhaq lil din il-mara li anqas biss waqaft biex nara il-hsara li kont ghamilt lil min kien qed isuq il-karozza warajja. Mistoqsi nghid li minkejja li soqt wara din il-mara Jiena ma irnexxilix nilhaqa. Anqas in-numru tal-karozza taghha ma irnexxieli niehu. Minn hemm, wara li kont soqt distanza waraja sakemm tlift lil din il-mara, iddecidejt li nirritorna immedjatament lejn id-dar minghajr ma qadt nieqaf nixtri l-ikel. Biex immur lura lejn id-dar ma ghaddejtx minn Triq Hal-Qormi il-Hamrun.

D Allura inti ma deherlekx illi kellek terga tirritorna lejn Triq Hal-Qormi il-Hamrun halli titkellem ma dak il-persuna li kont ghamiltlu il-hsara fil-karozza tieghu meta irriversjajt il-van tieghek go fih biex taghmel il-wesgha halli issuq wara dik il-mara?

R Jiena ma ergajtx mort l-hemm ghax bzajt li dak il-persuna li kont irriversjajt go fih jaghmel ghalija.

D Inti kont tafu lil persuna li irriversjajt go fih?

R Anqas ideja ma kelli tieghu.

D Inti iddispjaciek ta' dan kollu li gara?

R Iva, Jiena iddispjacieni ta' dan kollu li gara.

D Ser nerga nistqasik Anthony. Tista' imma tispjegalna xi gralek ezatt ma dik il-mara li qabdet toffendik?

R Emmini meta nghidlek li ma nafx ghalfejn bdiet toffendini dik il-mara li soqt waraja. Ma neskludix li stajt kelli id-dawl tal-bright tieghi li gie f'wicca Jiena u insuq.

D Imma Anthony, meta inti iddecidejt li tirriversja il-karozza tieghek, inti ma irrejalizzajtx li ser taghmel il-hsara fil-karozzi ta' warajk?

R Dak il-hin, Jiena ma hsibt f'xejn.

D Inti lest li tiltaqa' mal-persuna li irriversjajt il-van tieghek go fih dak in nhar biex titkellmu dwar spejjez li ikkagunajtlu?

R     Iva lest li niltaqa' mieghu. Nghid li bhalissa ma ghandix biex inhallsu, pero nixtieq li inhallsu bl-insurance." (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward l-akkuza a) migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirrigwarda ir-reat kontemplat fl-artikolu 325(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti tali akkuza kif dedotta ma' tirrizultax sodisfacentement ippruvata izda jirrizulta ippruvat ir-reat anqas gravi li hu kompriz u involut fl-akkuza kif dedotta, liema reat jinkwardra ruhu fl-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward hu sinifikanti hafna dak li qal l-imputat fl-Istqarrija tieghu fejn qal:

"Jiena dak il-hin ma offendejthiex lura imma tlift rasi u ma bqajtx nara. Kont determinat li nsegwi lil din il-mara bil-van tieghi halli niehu sodisfazzjon ta' ghalfejn din bdiet toffendini. Peress li kont maqbud fit-traffic, iddecidejt li nirriversja il-van tieghi biex ikolli spazzju halli indawwar il-van tieghi f'din it-triq ghal wara din il-mara. Dak il-hin ma qiest xejn u bqajt diehel fil-vettura ta' warajja." (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward l-akkuza b) migjuba kontra l-imputat il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata nkwantu sewqan bla kont.

Hawn il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mis-Sentenza moghtija fis-6 ta' Mejju, 1997 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per Imhallef Vincent Degaetano LL.D. fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Alfred Mifsud: "Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 15 bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrisulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji."

F’dan ir-rigward, skans ta’ ripetizzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghal dak diga’ citat u sottolinjat f’din is-Sentenza mill-Istqarrija tal-imputat.

Rigward l-akkuza c) migjuba kontra l-imsemmi imputat il-Qorti tiddikjara li din l-akkuza giet sufficjentement ippruvata u hawn taghmel referenza ghal Dok RSM1 (Vera kopja ta’ l-Original tas-Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Grima deciza fil-10 ta’ Marzu, 2006 per Magistrat Dr. Silvio Meli). Taghmel ukoll referenza ghal Verbal tas-Seduta tal-10 ta’ Marzu, 2010 fejn jintqal illi: “Dr. Roberto Montaldo ghall-imputat jezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ xhieda tal-identita’ rigward is-Sentenza li kopja taghha giet ippresentata llum bhala Dok. RSM1 u jiddikjara li l-imputat imsemmi f’din is-Sentenza hu l-imputat fil-kawza odjerna.”

Rat l-artikoli 17, 31, 328(d), 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Anthony Grima mhux hati tal-akkuza a) migjuba kontra tieghu liema akkuza kif dedotta tirrigwarda ir-reat kontemplat fl-artikolu 325(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li tali akkuza kif dedotta ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u minnha tilliberah izda issib lill-imsemmi imputat hati tar-reat anqas gravi li hu kompriz u involut fl-akkuza a) kif dedotta, liema reat jinkwadra ruhu fl-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta; issib lill-imputat Anthony Grima hati tal-akkuza b) nkwantu sewqan bla kont; issib ukoll lill-imsemmi imputat hati tal-akkuza c) u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Anthony Grima ghall-piena komplessiva ta’ Ewro elf u mitejn (Ewro 1,200) multa.

Finalment il-Qorti a tenur tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta tiskwalifika lill-imputat Anthony Grima milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien hames (5) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------